# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 004/2019

24 ta' Settembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Melanie Agius - Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku, ppresjediet l-laqgha

### 04.1 Qari ta' ittri ta' apologija

04.1.1 Is-Sindku qrat e-mail mibghuta mill-Kunsilliera Melanie Agius li permezz taghha, il-Kunsill Lokali gie mitlub jikkunsidra l-possibilita' illi jiggustifika n-nuqqas ta' attendenza ghas-seduta tal-Kunsilliera Agius minhabba ragunijiet ta' sahha. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Agius kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

### 04.2 PA07496/16 – University Campus – Dock 1

04.2.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet ser tinzamm gewwa l-Awtorita' tal-Ippjanar u li matulha kienet ser tkun qiegha tittiehdet decizjoni dwar applikazzjoni numru PA07496/16 sottomessa minn Sadeen Investments Ltd. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet, illi hija kienet ser tkun qieghda sservi fuq il-bord tal-istess Awtorita' tal-Ippjanar u kien ser ikollha d-dritt tal-vot. Ghaldaqstant, u bil-ghan illi tkun konformi mar-regolamenti u ligijiet, kienet ser izzomm lura milli taghti l-opinjoni taghha, tkun partectipi f'diskussjonijiet u eventwali voti li seta' jkun hemm waqt is-seduta. Is-Sindku stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jinforma lill-kunsilliera prezenti bid-dettalji tal-applikazzjoni nnifisha u x'kien sehh sal-gurnata f'ordni kronologika.

04.2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali d-dokumenti kollha relatati mal-applikazzjoni inkluz pjanti, Traffic Impact Assessment u montaggi li kienu gew sottomessi. Huwa ghadda sabiex jispjega fid-dettall l-applikazzjoni nnifisha u wiegeb ghal mistoqsijiet kjarifikatorji li saru mill-Kunsilliera. Segwiet diskussjoni libera

04.2.3 Is-Sur Johann Scerri sahaq li huwa ma kellu ebda oggezzjoni rigward l-izvilupp li kien qieghed jigi propost ghall-bini maghruf bhala Knights Building. L-istess Sur Scerri zied jghid illi sakemm ma jintmessx tarag li kien hemm huwa ma kienx kontra li jsir zvilupp f'zona li fl-applikazzjoni nnifisha kienet riferuta bhala 'Building A'. Huwa zied jghid illi zona li fl-applikazzjoni ghall-izvilupp kienet riferuta bhala 'Building B', fl-opinjoni tieghu ma kelliex timmaterjalizza minhabba l-fatt illi kienet wisq moderna u ma kenitx tintegra mal-bqija tal-bini. Filwaqt li zied jghid illi ma kellu ebda problema kemm il-darba jinbidel id-disinn tal-istess binja b'tali mod li tkun tintegra ahjar, is-Sur Scerri kkonkluda billi rrimarka li ma kienx jaqbel mal-izvilupp ta' binja li fl-applikazzjoni kienet riferuta bhala 'Binja C' minhabba ragunijiet ta' estetika.

04.2.4 Is-Sur Martin Vella qal illi fl-opinjoni tieghu, l-izvilupp propost ghall-binja maghrufa bhala Knights Building kellu jinhargilha permess. Huwa zied jghid illi ma kienx jaqbel mal-izvilupp ta' binja li fl-applikazzjoni kienet riferuta bhala 'Building A' ghaliex din kienet ser twassal ghal telf ta' spazju miftuh. Is-Sur Vella kkonkluda

billi qal illi binjiet li fl-applikazzjoni kienu riferuti bhala 'Building B' u 'Building C' kienu ser iwasslu ghal ostruzzjoni tal-veduta tas-swar tal-madwar u ghaldaqstant ma kienx jaqbel maghhom.

04.2.5 Is-Sur James Cauchi qal illi l-izvilupp li kien qieghed jigi propost kien imur kontra dak li jista' jiggwadanja l-poplu Bormliz kemm bhala spazji miftuha u anke bhala parkegg u ghaldaqstant ma setax jaqbel mieghu.

04.2.6 Is-Sa. Noyah Spiteri Hammett qalet illi fl-opinjoni taghha l-Universita' Amerikana ta' Malta kienet gabet investiment fl-ekonomija tal-lokalita' u dan kien punt illi hija kienet taqbel mieghu. Hija ziedet tghid illi kienet taqbel mal-izvilupp illi kien qieghed jigi maghruf li jimmaterjalizza f'binja maghrufa bhala 'Knights Building'. Is-Sa. Spiteri Hammett qalet illi ma kenitx taqbel ma' binja li fl-applikazzjoni ghall-izvilupp kienet riferuta bhala 'Building A' u rrimarkat illi fir-rigward kellu jigi stabbilit jekk *lift* li kien hemm kienx ser ikun qieghed jigi eliminat. Filwaqt li ma kenitx taqbel ma' zvilupp li kien qieghed jigi propost u riferut fl-applikazzjoni ghall-izvilupp bhala 'Building B', is-Sa. Spiteri Hammett sahqet illi kienet kontra l-izvilupp li kien qieghed jigi propost f'binja bir-referenza 'Building C' minhabba l-fatt illi fl-opinjoni taghha il-Kunsill Lokali kellu jisma' l-polz tal-poplu. Hija ziedet tghid illi ma kenitx kontra l-izvilupp izda kontra l-estetika tal-izvilupp propost. Is-Sa. Noyah Spiteri Hammett ikkonkludiet billi qalet illi fl-opinjoni taghha l-izvilupp li kien sar l-2014 u li permezz tieghu kien gie rigenerat Bacir Numru 1 kien bizzejjed.

04.2.7 Is-Sur Marco Agius qal illi fl-opinjoni tieghu l-izvilupp li kien qieghed jigi propost li jigi implimentat f'binja li kienet tissejjah 'Knights Building' kellu jsehh. Huwa zied jghid illi minhabba l-fatt illi fl-opinjoni tieghu ma kienux iharsu l-interess tar-residenti ma kellhomx jigu zviluppati kif propost binjiet riferuti bhala 'Building A', 'Building B' u 'Building C'

04.2.8 Filwaqt li rringrazzjat lill-Kunsilliera tal-opinjonijiet li kienu esprimew, is-Sa. Zerafa Civelli sahqet li kienet ser tkun qieghda tixtarr id-diskussjoni tat-tribunal tal-Awtorita' tal-Ippjanar u tiehu d-decizjoni li l-aktar jidrilha xierqa. Hija tenniet illi l-opinjoni ta' kull kunsillier kienet ser tkun qieghda tikkunsidraha waqt l-evalwazzjoni taghha.

Is-seduta giet fi tmiemha fit-7:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda

Konfermati, illum 2 t'Ottubru, 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |